

# Wettinger u l-Mellieħa

miktub minn Evarist Bartolo

Fit-22 ta' Mejju 2015 miet il-Professur Godfrey Wettinger li twieled il-Mosta imma trabba l-Mellieħa u għamel snin twal jgħix hawn. Tilef lill-missieru ta' età żgħira u rabbiet lill-uliedha l-omm billi kienet tbiegħ il-ħalib tant li kienet magħrufa bħala "Is-sinjura tal-ħalib". Niftakar inżuru fid-dar tiegħu fit-taraġ ta' ħdejn il-forn ma' wħud minn sħabi tal-Wirt Storiku Mellieħa meta kważi 45 sena ilu konna ngħaqadna biex naraw x'jista' jsir biex insalvaw il-wirt storiku fil-Mellieħa u naraw kif jista' jiġi apprezzat aħjar. Wettinger li dak iż-żmien kien għadu jgħallem l-istorja l-Liċeo tal-Ħamrun kien għamlilna ħafna kuraġġ u tana xi pariri fejn għandna nikkonċentraw.

Niftakru sogħbien jgħidilna kif il-kappella ta' San Niklaw, patrun tal-baħħara, fi Ġnien Ingraw tħalliet abbandunata u tinqered u kif il-pittura mal-hajt bħal dik tas-Santwarju tħalliet kważi tgħib għalkollox.

Niftakar konna kellimnieh dwar it-Torri ta' Għajn Ħadid u tas-Salib fil-Mitħna fejn kien jibda r-raħal. Kien laqatni mill-ewwel x'impenn kbir kellu bħala studjuż. Qatt ma kont tarah barra. Dejjem ġewwa jistudja, ifittex, jaħseb u jikteb. Fil-kamra fejn laqqagħna kien hemm erba' ħitan xkafef mimlijin kotba u mbagħad ħafna kaxex mimlijin speċi ta' kartolini żgħar fejn fuq kull waħda kien ikollu l-isem ta' xi tagħrif li ltaqa' miegħu u d-dettal mnejn ġabu, kollox organizzat b'mod alfabetiku u mill-ewwel jaf fejn isibu.

Fis-snin twal ta' riċerka storika jibqa' magħruf għad-dawl li tefa' fuq: l-aktar poeżija bikrija Maltija (Il-Kantilena miktuba aktarx madwar is-sena 1470); iż-żmien tal-Għarab f'pajjiżna; il-biedja lokali f'nofs is-seklu 15; il-kummerċ tal-ilsiera u l-ismijiet tal-postijiet fil-gżejjer tagħna mis-sena 1300 sas-sena 1800.

Kien fid-dar tiegħu tal-Mellieħa li flimkien mal-Patri Dumnikan Mikiel Fsadni, il-Professur Godfrey Wettinger studja u kiteb il-pubblikazzjonijiet dwar il-Kantilena, l-ewwel poeżija Maltija li nafu biha s'issa. Ħadmu flimkien fid-dar fil-Mellieħa għax Wettinger ma riedx jersaq lejn il-kunvent tad-Dumnikani fejn kien jgħix Patri Fsadni.

Godfrey Wettinger kiteb l-istorja ta' pajjiżna fiż-żminijiet tan-Nofs u niseġ dak li kien qed jiġri hawn fit-tapizzerija iżjed wiesgħa tal-Mediterran. Kien fitt immens fir-riċerka tiegħu u dejjem ried li jibni dak li jgħid fuq il-fatti li jsib. Minħabba f'hekk ġie fl-inkwiet ma' min ma riedx li jinqerdu miti u ħrejjef fir-rakkont tal-istorja ta' pajjiżna. Ħallas qares għax kellu moħħu miftuħ biex jilqa' fatti ġodda li skopra dwar l-imgħoddi ta' pajjiżna għax kienu jmorru kontra t-tradizzjoni vvintata matul iż-żminijiet li ġensna dejjem kien Nisrani u li ma sarx Mislem fi żmien l-Għarab. Ħallas qares u għal żmien twil għalqulu l-bieb biex jidħol jgħallem fl-Università ta' Malta.

Fix-xogħlijiet tiegħu nsibu ħafna referenza għall-istorja tal-Mellieħa u l-inħawi ta' madwarha. Fuq l-isem tar-raħal jgħid ċar u tond: "In-nies tal-Mellieħa dejjem kienu jgħidu li l-isem tal-Mellieħa għandu x'jaqsam mal-melħ jew l-għasel. Melħ mill-Għarbi, għasel mill-Grieg. Jien ngħidilhom: tistgħu jekk jogħġobkom tiddeċiedu liema wieħed, jew wieħed jew l-ieħor. Issa nista' nistaqsihom: spjegawli kif jista' jkollkom isem Grieg, u Malta għamlet mitt sena mingħajr ma kellha nies jgħixu fiha? Jien għalija ddeċidejt issa - l-isem ġej mill-kelma melħ u minn kif jissejjaħ il-post fejn jagħmlu jew jiġbru l-melħ. Fil-mapep l-antiki ssib l-isem fejn kien hemm is-salini tal-melħ fejn illum hemm ir-riserva tal-għasafar."

L-istudji ta' Wettinger juruna li għal żmien twil il-Mellieħa ma kienx fiha nies jgħixu minħabba li dawn l-inħawi kienu jsofru ħafna invażjonijiet tal-furbani li kienu jkaxkru kulma jsibu. Naraw li fil-lista ta' dawk li kienu jħarsu x-xtut tal-gżejjer tagħna fl-1419 u 1420 ma jissemmewx l-irħula tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u l-Imġarr għax dak iż-żmien ħlief blat u raba xagħri ma kontx issib għax ma kienx hawn nies jgħixu f'din in-naħa ta' Malta. Jissemmew tliet irħula żgħar biss: bħal Dragu, Ħal Marikatu u Ħal Gazara.

Fir-riċerka tiegħu dwar mnejn ġejjin l-ismijiet tal-lokalitajiet differenti f'Malta u f'Għawdex, Wettinger jitfa' ħafna dawl fuq l-ismijiet li għandna wkoll f'dawn l-inħawi. Naraw li ħafna minnhom

ġejjin anki mill-Għarbi. L-istudji juru r-riċerka tiegħu dwar l-Għarab f'pajjiżna l-iżjed li qalgħulu nkwiet tul ħajtu għax kien hemm minn ma riedx, u għad hemm min sal-lum ma jridx, jaċċetta li fil-gżejjer tagħna kien hawn żmien li l-kotra kienet tħaddan l-Iżlam u kien hawn żmien li fil-gżejjer tagħna ma kienx hawn nies jgħixu u allura l-kontinwità Nisranija tal-istorja tagħna minn żmien San Pawl sal-lum hija ħrafa oħra.

Niftakar li aħna bħala tfal Melleħin kienu jgħidulna biex inħossuna kburin mhux biss li San Pawl wasal Malta l-Għadira (u mhux San Pawl il-Baħar) imma li San Luqa li kien miegħu pinġa x-xbieha tal-Madonna u t-tarbija Ġesù fuq il-blat fis-Santwarju, jew il-knisja t'isfel kif konna ngħidulha.

Niftakarni nargumenta ma' kappillan waqt ir-riċeviment ta' magħmudija ta' waħda min-neputijiet tiegħi dwar kif ma jistax ikun li San Luqa pinġa dik ix-xbieha u li dik saret ħafna sekli wara li ġie San Pawl. Kien qalli biex ma ngħidx dawn l-affarijiet żbaljati fil-pubbliku għax inħawwad in-nies u ntellifhom il-fidi. Studji bħar-riċerka ta' Wettinger juruna li dik ix-xbieha għandha l-istil Biżantin ta' pitturi fuq il-blat li saru f'Malta u fi Sqallija fis-seklu 13-14. Bħalma l-Mellieħa għandha l-għar u casa, parti dar mibnija u parti għar naturali, f'Malta u fi Sqallija nsibu ħafna knejjes u għerien għax in-nies ta' dak iż-żmien minbarra li kienu jgħixu fl-għerien u jżommu l-annimali, kienu wkoll iqimu r-reliġjon tagħhom fl-għerien.

Ara billi tgħid li pittura saret fis-seklu 13 jew 14 u mhux minn San Luqa x'tip ta' fidi se ttellef lin-nies. Imma din kienet it-tip ta' mentalità li kellu jeħodha kontra tagħha Wettinger biex jitfa' dawl ġdid fuq l-istorja ta' pajjiżna mibnija fuq il-fatti dokumentati minflok fuq tradizzjonijiet, ħrejjef u miti. Dawn il-ħrejjef u tradizzjonijiet għandhom il-valur kulturali tagħhom iżda mhumiex storja mibnija fuq il-fatti.

Wieħed mix-xogħlijiet ta' Wettinger dwar il-biedja f'pajjiżna jitfa' dawl interessanti fuq l-inħawi fin-naħa ta' fuq ta' Malta f'nofs is-seklu 15. Isemmi kif Antoniu Desgaunes fl-1485 kien ħataf art f'Miżieb ir-Riħ u f'Għajn Żejtuna biex ma jħallix lir-rgħajja jidħlu bil-merħliet tagħhom biex jirgħu. Dokument li jikkwota Wettinger isemmi kif Desgaunes ma ħalliex nies jidħlu fl-inħawi magħrufa bħala Millacha biex jirgħu u jrabbu n-nagħaġ u l-mogħoż għall-ikel u jaqtgħu x-xewk ħalli jsajru bihom u jsaħħnu lilhom infushom mill-kesħa.

Wettinger tefa' dawl kbir fuq kif kienu jgħixu, x'kienu jemmnu, x'kienu jaħsbu n-nies li għexu f'dawn il-gżejjer fis-sekli li l-aktar kien għadhom ma ġewx riċerkati u kien għadhom fid-dlam u allura nħolqu ħafna ħrejjef u miti dwarhom. Jixraq li dan ir-raħal isib mod kif ifakkar wieħed mill-aqwa studjużi tal-istorja li ra pajjiżna s'issa.